# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 555

KAZ NRU. 687

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Camilleri

u

Pantar Ceramics Ltd.
kif rapprezentata minn Joe u
Nazzareno Vella

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 15 ta' Marzu, 1994

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

It-Tribunal ikkonsidra l-eccezzjoni mqajjma minn Dr. Micallef, cioe' illi l-appellant kien qieghed jaghmel kaz kontra Pantar Ceramics mentri huwa stess, fix-xhieda tieghu, ikkonferma illi fil-fatt kien beda jahdem mas-CMS Ltd meta l-impjieg tieghu kien gie terminat. Dr. Borg Cardona oppona ghal din l-eccezzjoni u sostna illi missa tqajmet fil-bidu tas-smiegh u mhux f'dan l-istadju.

It-Tribunal rega' studja l-process kollu mill-bidu nett. B'mod partikolari, it-Tribunal innota l-affidavit maghmul mill-appellant. F'dan l-affidavit l-appellant 'inter alia' qal hekk: "rajt li ma kienx hemm triq ohra hlief li naccetta l-proposta illi mmur nahdem ma-CMS. Ftehmna illi malli

nieeti x-xoghol li kelli f'idejja kelli naghmel hekk. Fil-fatt ftit granet wara bdejt immur is-CMS (full time) kif konna ftehmna. Konna ftehmna wkoll li ghax-xahar ta' Frar u Marzu 1992, is-salarju tieghi kien ser jithallas minn Pantar u minn April il-quddiem mis-CMS."

It-Tribunal innota illi l-formola ta' tmiem l-impjieg mibghuta lil E.T.C. kienet tirreferi ghal Pantar Ceramics bhala l-employer, u r-raguni moghtija kienet "redundancy", ma' hemm l-ebda formola ohra lil E.T.C. dwar terminazzjoni ta' impjieg mis-CMS.

Ghalhekk, it-Tribunal huwa ta' l-opinjoni, illi waqt l-appellant kellu l-impjieg tieghu terminat meta kien impjegat mas-CMS, huwa preskritt illi jaghmel kaz kontra din is-socjeta' minhabba illi ghadda l-perjodu ta' erba xhur mid-data ta' tmiem l-impjieg tieghu, pero' la darba l-appellant qieghed jikkontesta ir-raguni ta' "redundancy" fir-rigward tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu ma' Pantar Ceramics, it-Tribunal jidhirlu illi qieghed "in order" illi jipprocedi kontra din is-socjeta'.

Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg